# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Digriet tallum it-Tnejn l-1 ta' April 2019**

**Rikors Guramentat Numru : 1019/2017/LSO**

**Carmel Horace maghruf bhala**
**Carlo Schembri (ID 385274M);**

**vs**

**Stefania Schembri (ID 338276M)**

**Il-Qorti,**

## **I. PRELIMINARI.**

Illi dan huwa provvediment a tenur tar-r**egolament 8** tal-Avviz Legali Numru 396/2003, kif ammendat bl-Avviz Legali 8 tal-2004 (Legislazzjoni Sussidjarja 12.19) li jipprovdi:

*“Meta jkun hemm nuqqas ta’ qbil dwar jekk kawza ghandhiex tigi assenjata lil xi Sezzjoni wahda jew ohra tal-Qorti Civili, jew meta kawza tkun tinvolvi iktar minn kategorija wahda skont ma ghandhom jigu assenjati lil Sezzjonijiet differenti tal-Qorti Civili, il-kwistjoni ghandha tigi riferita lill-Prim Imhallef li ghandu mbaghad, in camera, jiddeciedi dwar liema Sezzjoni ghandha tigi assenjata l-kawza. Id-decizjoni tal-Prim Imhallef ghandha tigi registrata fl-atti tal-kawza u tkun wahda finali."*

Illi jigi precizat li permezz ta' r-rikors mahluf ta’ Carmel Horace maghruf bhala Carlo Schembri datat 7 ta’ Novembru 2017 qed iressaq talbiet riprodotti 'l hawn isfel, b'referenza ghall-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-kontendenti datat 2 ta' Lulju 2013 fl-atti tan-Nutar Pierre (kopja ta' Iiema kuntratt jinsab hawn anness u markat bhala Dok CS1);

IIli gie premess li fost id-diversi materji indirizzati biI-kuntratt fuq imsemmi, I-kontendenti permezz tal-artikolu 6 tal-istess kuntratt itterminaw ir-regim tal-komunjoni tal-akkwisti li kien jezisti bejniethom sa dak iz-zmien u ghaddew biex jillikwidaw l-assi mizmuma minnhom in komun fl-artikoli sussegwenti taI-istess kuntratt;

IIli permezz tal-artikolu 7.2 tal-kuntratt fuq imsemmi, il-kontendenti qablu u ftehmu illi huma

kellhom jibghu ko-propjetarji f'ishma indaqs bejniethom tad-dar matrimonjali ossija d-dar bin-numri ufficjali 7, 8, 8A, 9 u 9A bl-isem "Tal-Kontessa" fi Triq ir-Repubblika, Rabat, Malta u dana kif tinsab ahjar deskritta fl-artikolu 7.1 (a) tal-imsemmi kuntratt;

Billi r-rikorrent ma jridx jibqa' fi stat ta' komunanza mal-intimata fir-rigward tal-propjeta` imsemmija, liema proprjeta`, fl-opinjoni tieghu, mhix komodament divizibbli, ressaq is-segwenti talbiet u cioe`, li din il-Qorti :

1. Tiddikjara li r-rikorrent u l-intimata huma ko-proprjetarji tal-fondi mertu ta' dina l-kawza ossija d-dar bin-numri ufficjali 7, 8, 8A ,9 u 9A bl-isem "Tal-Kontessa" fi Triq ir-Repubblika, Rabat, Malta, kif ahjar deskritta fil-kuntratt ta' separazzjoni datat 2 ta' Lulju 2013 fl-atti tan-Nutar Pierre Attard u dana f'porzjonijiet ugwali bejniethom;

2. Tordna d-divizjoni tal-beni immobbli mertu ta' dina l-kawza ossija d-dar bin-numri ufficjali 7, 8, 8A ,9 u 9A bl-isem "Tal-Kontessa" fi Triq ir-Repubblika, Rabat, Malta, kif ahjar deskritta fil-kuntratt ta' separazzjoni datat 2 ta' Lulju 2013 fl-atti tan-Nutar Pierre Attard u dana f'porzjonijiet ugwali bejniethom;

3. Tinnomina Perit Arkitett sabiex ihejji u jipproponi pjan ta' qasma tal-beni immobbli mertu ta' dina l-kawza ossija d-dar bin-numri ufficjali 7, 8, 8A ,9 u 9A bl-isem "Tal-Kontessa" fi Triq ir-Repubblika, Rabat, Malta, kif ahjar deskritta fil-kuntratt ta' separazzjoni datat 2 ta' Lulju

2013 fl-atti tan-Nutar Pierre Attard u dana f'zewg porzjonijiet ugwali bejn il-kontendenti;

4 Tordna illi l-beni immobbli mertu ta' dina l-kawza ossija d-dar bin-numri ufficjali 7, 8, 8A u 9A bl-isem"Tal-Kontessa " fi Triq ir-Repubblika, Rabat, Malta ghandha tigi diviza bejn il-kontendenti f'zewg porzjonijiet ugwali skont il-pjan ta' qasma maghmula mill-Perit Arkitett mahtur minn dina l-Onorabbli Qorti jew skont kif deciz mod iehor minn dina l-Onorabbli Qorti u li tali porzjonijiet ghandhom bil-polza, jigu assenjati porzjon kull wiehed lill-kontendenti;

5. Tahtar u tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jirredigi u jippublika l-kuntratt pubbliku relattiv u opportun sabiex kull wiehed mill-kontendenti jigi assenjat lilu jew lilha l-porzjon mill-beni immobbli mertu ta 'dina l-kawza li jkun assenjat lilu bil-polza skont ir-raba' talba hawn fuq;

6. Tahtar u tinnomina kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq il-kuntratt pubbliku mertu tal-hames talba;

7. Alternattivament, f'kaz li li jirrizulta li l-beni immobbli mertu ta' dina l-kawza ma jistghux jigu maqsuma bla xkiel u bla hsara u ma tistax issir tpattija b'beni ohra in komun ta' xorta differenti izda ta 'l-istess valur, tordna l-bejgh b'licitazzjoni li ghandu jkun miftuh ghal oblaturi estranei, tal-fond mertu ta ' dina l-kawza ossija d-dar bin-numri ufficjali 7, 8, 8A, 9 u 9A bl-isem" Tal-Kontessa "fi Triq ir-Repubblika ,

Rabat ,Malta, kif ahjar deskritta fil-kuntratt ta'separazzjoni datat 2 ta' Lulju 201 3 fl-atti tan-Nutar Pierre Attard;

8. Tordna li r-rikavat mill-eventwali bejgh b'licitazzjoni tal-fond mertu ta 'dina l-kawza ossija d-dar bin-numri ufficjali 7, 8, 8A, 9 u 9A bl-isem" Tal-Kontessa "fi Triq ir-Repubblika , Rabat, Malta ghandhu jinqasam :

(a) in kwantu terz (1/3) mill-istess rikavat ghandu jinghata lill-ulied l-kontendenti, ossija Julian Schembri u Sophie Marie Schembri ,u dana soggett ghall-pattijiet u kundizzjonijiet stipulati fl-imsemmi artikolu 7.4 tal-kuntratt ta' separazzjoni datat 2 ta' Lulju 2013 fl-atti tan-Nutar Pierre Attard ;

(b) in kwantu terz (1/3) mill-istess rikavat ghandu jinghata lir-rikorrent Carmel Horace maghruf bhala Carlo Schembri; u

(c) in kwantu terz (1/3) mill-istess rikavat ghandu jinghata lill-intimata Stefania Schembri ;

9. Taghti kull provvediment u decizjoni ohra li dina l-Onorabli Qorti jidhrilha necessarja u opportuna;

Bl-spejjez kontra l-intimata li hija minn issa ingunta in subizzjoni.

Din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-11 ta’ Jannar 2018.

Fir-risposta guramentata taghha datata 6 ta' Frar 2018 (fol 40) l-intimata Stefania Schembri (ID 33826M) eccepiet in linea preliminari l-inkompetenza ta' din il-Qorti peress li bit-talbiet tieghu l-attur qieghed jitlob tibdil f'dak li l-kontendenti ftehmu dwar id-dar matrimonjali bil-kuntratt ta' separazzjoni personali data 2 ta' Lulju 2013 fl-atti tan-Nutar Pierre Attard.

Konsegwentement il-qorti kompetenenti ai termini tar-regolament 9 (1) (c) (sic.)tal-Ligi Sussidjarja 12.20 hija l-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja).

Rat il-verbali tas-seduti kollha inkluz dak tas-seduta tad-19 ta' Frar 2019 (fol 90) fejn meta ssejhet il-kawza dehru l-partijiet assistiti. Dr Dalli ddikjarat illi ma kellhiex prova aktar fuq l-ewwel eccezzjoni. Dr Reuben Farrugia pprezenta nota kontenenti zewg sentenzi mmarkati bhala Dok "RF 1". Il-kawza giet differita ghas-sentenza in parte b' dan illi l-Qorti ser tikkonsidra l-applikazzjoni tal-Art 8 tal-SL 12.19 qabel ma tghaddi ghas-sentenza ghall-4 ta' April 2019.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Din il-kwistjoni tqajmet fuq konsiderazzjoni tal-ewwel eccezzjoni sollevata mill-intimata fejn tikkontendi l-inkompetenza ta' din il-Qorti peress li bit-talbiet tieghu l-attur qed jitlob tibdil f'dak li l-kontendenti ftehmu dwar id-dar matrimonjali bil-kuntratt ta' separazzjoni personali datata 2 ta' Lulju 2013 fl-atti tan-Nutar Pierre Attard. Ghalhekk, gie

eccepit li l-qorti kompetenti *ai termini* tar-regolament 9(1) (c) tal-Ligi Sussidjarja 12.20 hija l-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja).

Jibda biex jinghad, li dak li qed jintalab permezz tar-rikors odjern huwa li jekk kemm-il darba l-fond, u cioe` id-dar bin-numri ufficjali 7, 8, 8A, 9, u 9A bl-isem “Tal-Kontessa” fi Triq ir-Repubblika Rabat, Malta, m'huwiex komodament divizibbli, ghandu jigi ordnat il-bejgh b’licitazzjoni sabiex il-kontendenti ma jibqghux in komproprjeta`. Izda din it-talba qed titressaq in linea sussidjarja billi, fl-ewwel lok, qed jintalab li jigi diviz il-beni immobbli mertu ta’ dan il-kaz, skont pjan ta’ qasma ta’ perit arkitett nominat mill-Qorti.

Illi fil-premessi stess tar-rikors guramentat, ir-rikorrent qed jirreferi ghal dak stipulat fl-artikolu 7.2 tal-kuntratt ta’ separazzjoni, fejn il-kontendenti qablu u ftehmu li huma kellhom jibqghu ko-proprjetarji f’ishma indaqs tal-imsemmija dar. Jirrizulta wkoll li l-partijiet ftehmu kontestwalment mal-kuntratt ta' separazzjoni, permezz ta' skrittura privata datata 2 ta’ Lulju 2013, Dok CS4, fejn fl-ewwel klawsola, qablu li l-intimata tista’ tkompli tirrisjedi fl-imsemmi fond, u r-rikorrent ghandu d-dritt ghal access kemm-il darba jaghti avviz ta’ 24 siegha sabiex il-fond jintwera lil terzi ghal skopijiet ta’ bejgh.

Illi l-qofol tal-kwistjoni, fil-fehma ta' din il-Qorti, hija wahda semplici billi l-eccezzjoni jkollha mertu kemm-il darba t-talbiet odjerni jwasslu ghat-tibdil ossia varjazzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni.

L-intimata qed issostni li t-talbiet kif dedotti, mhumiex konformi ma' dak stipulat fil-kuntratt ta' separazzjoni esebit mar-rikors promotur.

Skont ir-regolament 10(1)(c) tal-SL 12.20 (Avviz Legali 397 tal-2003 ( u mhux 9(1)(c) kif eccepit, kif ammendat bl-Avviz Legali 9 tal-2004), meta persuna tkun trid tipprocedi quddiem il-Qorti (tal-Familja) *inter alia* ghal xi tibdiliet f'kull haga regolata minn kuntratt ta' separazzjoni personali, dik il-parti ghandha tipprezenta ittra apposita fir-Registru tal-Qorti tal-Familja, u sussegwentement jissejhu quddiem medjatur. Il-procedura ta' medjazzjoni hija tassattiva fir-rigward.

Illi dan kollu premess huwa wisq evidenti li l-ewwel eccezzjoni tinnecessita' l-applikazzjoni tar-regolament 8 tal-Ligi Sussidjarja 12.19 billi jirrizulta li bejn il-partijiet hemm nuqqas ta' qbil dwar is-sezzjoni tal-Qorti li ghandha l-kompetenza f'din il-materja u wara esami li ghamlet din il-Qorti fuq basi *prima facie,* hija tal-fehma li ghandha tghaddi l-inkartament skont kif previst b'dak l-artkolu.

Illi ghalkemm ir-regolament 8 jemani minn legislazzjoni sussidjarja , fil-materja ta' kompetenza tal-Qorti tal-Familja, hija l-*lex specialis,* u ghaldaqstant l-**artikolu 741(b) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** m'ghandux japplika.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti tordna li l-atti ta' din il-kawza jigu rrinvijati lill-On. Prim Imhallef sabiex jigi

deciz liema Sezzjoni tal-Qorti Civili ghandha tkompli tisma' u tiddeciedi l-kawza odjerna.

**L-ispejjez jigu determinati mas-sentenza finali.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**1 ta' April 2019**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**1 ta' April 2019**